Ketrin u la għajtet u la tmasħnet iżda l-biċċa ġriet u dawk tar-raħal, li ma għandhomx ħajta f'ilsienhom, ma kinux iħalluhielu ħelwa għall-melħ; kull fejn kien jersaq kien jisma', jew b'ċajta, jew taħt ilsien, jew mit-tfal fil-bogħod: "Xi qabda kittien niksbu?" Isma' l-lum u isma' għada, Sdejru ddejjaq u f'qasir żmien ħalla r-raħal u mar igħammar band'oħra.

**D. G. S.**

## IL-ĦMAR TAS-SIENJA

Is-sur Fred, avukat żagħżugħ, dahru mal-ħajt tas-sienja ta' *Peppi tan-nar*, kien waqaf iħares lejn il-ħmar imgħammad idur dejjem qajla, iżda bla ħedu ta' xejn. Ebda ħoss, ħlief tal-ftit ilma li jinqaleb fil-qâna mill-keffa tal-barmil tas-sienja u ċċempila tal-ġolġol li kellu mdendel f'għonq l-ħmar. Din tal-ġolġol lil l-avukat għoġbitu wisq, hekk li dar fuq Peppi u qallu: "Dal-ġolġol f'għonq il-ħmar mhux żejjed, Pepp?" — "Il-lê mhux żejjed, wieġeb Peppi, għax jekk jien inkun midhi b'xi ħaġ'oħra, iċ-ċenċila tal-ġolġol tgħidli jekk il-ħmar baqâx miexi jew waqaf" — "Kemm int raġel tajjeb, qabeż is-sur Fred, nagħmlu li l-ħmar jieqaf biex jistrieħ u fl-istess ħin jissokta jċaqlaq rasu, il-ġolġol ma jibqâx idoqq bħalli kieku l-ħmar baqa' miexi?" — "Dan ma jkun qatt," qal Peppi. "Il-għala?" — "Għax fis-sienja jiena ħmar għandi marbut mhux avukat." — "Saħħa Pepp." — "Saħħa Sinjur, il-lejl it-tajjeb, agħmel rasek fejn issibha."

**D. G. S.**

## ĦSIEB

Uqaft fil-ħsieb u rġajt 'l dal moħħ għajjien
fuq għerfek ħsibt u fuq l-opri ta' jdejk
Ja Alla Kbir u... sibt ruħi f'degħbien!

Mirduma ż-żerriegħa fi ħdan il-ħamrija,
Tintefaħ u tmut....! — inbagħ'd tinbet taħt l-art!
— X'misterju!...., moħħ bniedem jistagħġeb le jifhem! —
....U tħaddar.... u togħla.... u tfawwar bil-ward!
Tal-ġnien kien ħa ħsiebha; għarrasha.... żabarha....
Laqqamha.... saqqieha.... iżd'ALLA KABBARHA!

**R. M. B.**

# ID-DWELL F'MALTA FI ŻMIEN L-INGLIŻI

*(Jaqbad mal-faċċ. 65 fil-Għadd ta' qabel)*

Wara dan id-dwell, insibu msemmi dwell ieħor fil-Folju Malti *Mediterraneo* ta' l-1842, dwell li sar fl-1813 bejn John Williams, *Messman* tal-Ġifen tal-Gwerra Ingliż *Regulus*, u wieħed ieħor jismu Morton. Dawn kellhom xi jgħidu bejniethom, fejn wara li għajru ħafna lil xulxin, spiċċaw biex ftiehmu li għandhom jiddwellaw. Iltaqgħu fil-jum miftiehem 'il barra mill-Belt, fir-raba', mgħejuna minn parrin wieħed, u qatgħu li għandhom jibqgħu jiddwellaw salmewt, inkella sa kemm il-parrin li kellhom magħhom jidhirlu li huwa biż-żejjed, billi jitfa' l-kappell tiegħu fl-art. Ħadu l-pistoli f'idejhom u, mas-sinjal tal-parrin, bdew jisparaw għal xulxin; iżda, wara li ħlew il-balal li kellhom fil-pistoli, bla ħadd minnhom ma ġie midrub, u balal aktar ma kellhomx, waqfu mid-dwell. Il-parrin tagħhom riedhom li jissuktaw jiddwellaw, għax qallhom li għadhom ma sfewx ġiehhom, u wiegħdhom li jmur il-Belt u jġibilhom il-balal huwa. John Williams u Morton qagħdu għalli qallhom il-parrin, u dan telaq malajr lejn il-Belt, xtara l-balal, u reġa' lura fejn sħabu. Dawn imlew mill-ġdid il-pistoli, marru qagħdu f'posthom, u mas-sinjal tal-parrin, sparaw għal xulxin, fejn Morton baqa' mejjet.

John Williams ġie arrestat u mixli fuq qtil fi dwell. Iżda, wara ħames xhur li dam isir il-proċess tiegħu, inbagħtet talba lill-Gvernatur, Sir F. Maitland, u dan, wara li tkellem mat-tliet imħallfin tal-Qorti tal-Kriminal, bla ma qagħad jaħseb li l-proċess għadu sejjer u l-anqas qagħad jistenna li jinqata', ġiegħel li Williams jiġi malajr mibgħut 'il barra.

Lill-parrin li ħa sehem f'dan id-dwell, ma għamlulu xejn, l-anqas biss arrestawh; iżda mhux hekk ġara lill-parrin li ħa' sehem fid-dwell li sar fl-1842, għax lil dan il-parrin arrestawh flimkien ma' min iddwella u bħala sieħeb fi dwell. Dan id-dwell kien hekk: